**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-lum il-Gimgha 17 ta' Lulju 2020**

**Il-Pulizjia**
**(Spettur Josef Gauci)**

**-vs-**

**Ervis Maliqi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ervis Maliqi, imwieled Tirane, l-Albanija, fit-13 ta' Dicembru 1987 bin Pellumli u Mahqi xebba Kerjjmyake, residenti San Lawrenz, Flat 5, Triq il-Punici, Xlendi, Munxar, Ghawdex u detentur tal-passaport Albaniz bin-numru BC6358841 talli f'dawn il-Gzejjer Maltin, nhar il-5 ta' Lulju 2020, ghall-habta tal-hdax u ghoxrin ta' filghaxija (23:20hrs), gewwa l-'Front Bar', li jinsab fi Triq il-Gostra, Xlendi, limiti tal-Munxar, Ghawdex:

1. Ikkommetta att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti kkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli 198 sa 206, it-tnejn inkluzi, tal-Kodici Kriminali ta' Malta, fuq il-persuna ta' Melanie Jane Clifton Hughes K.I. 216140A, **u dan bi ksur tal-artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku fuq il-persuna ta' Melanie Jane Clifton Hughes K.I. 216140A, **u dan bi ksur tal-artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi, issoggetta lil Melanie Jane Clifton Hughes K.I. 216140A, ghal xi att u, jew imgieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgieba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolment jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u jew intimidatorji lejha, **u dan bi ksur tal-artikolu 251A(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkosanzi, ghad illi jkun xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, **u dan bi ksur tal-artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll **l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, ghas-sigurta ta' Melanie Jane Clifton Hughes.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ghas-sigurta ta' Melanie Jane Clifton Hughes, **ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skont il-Ligi, jekk jidrilha xieraq joghgobha tordna hrug ta' ordni ta' trattament, **skont l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti hija gentilment mitluba biex f'kaz ta htija tordna lill-akkuzat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, **ai termini tal-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Ikkunsidrat.

Rat id-dokumenti pprezentati mill-Ufficjal Prosekutur.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat tramite l-interpreti l-imputazjonijiet migjuba kontrih u l-piena li ggorr maghha kull imputazzjoni.

Fis-seduta tas-07 ta' Lulju, 2020 semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuzi kollha migjuba kontrih. Wara din l-ammissjoni l-Qorti akkordat lill-akkuzat l-opportunita' illi ghal darb'ohra jikkonferixxi ma' l-avukat tieghu u dana barra l-Awla tal-Qorti fil-prezenza ta' l-interpreti.

Rat illi meta rega' dahal fl-awla l-akkuzat ghal drab'ohra wara li kien mistoqsi xi jwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontrih, ikkonferma l-ammissjoni tieghu precedenti. Fic-cirkostanzi l-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr hlief li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih;

Fliet id-dokumenti esebiti u l-atti processwali, inkluz il-fedina penali ta' l-imputat;

Ikkunsidrat:

Li fic-cirkostanzi tal-kaz u fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata ta' l-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrih.

**Decide**

**Wara li rat l-Artikolu 17, Art. 207, Art.209, Art. 251A (1) (e), Art. 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib u tiddikjara lil Ervis Maliqi hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih.**

**Illi in kwantu ta' piena l-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni ta' l-attenwanti f'dan il-kaz, inkluz il-fatt li l-hati kkopera mal-Pulizija kif ukoll li huwa ammetta l-htija tieghu fil-bidu nett ta' dawn il-proceduri kif ukoll li l-fedina penali tieghu hija wahda netta.**

**Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-hati u anqas ghandha timponi perjodu sospiz ta' prigunerija, izda minflok ser tapplika fil-konfront tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta Malta bil-konsegwenzi serji kollha f'kaz li l-hati jikkommetti reat iehor tul il-perjodu ta' liberta kondizzjonata.**

**Ghaldaqstant bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mill-lum.**

**Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi serji skont il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta' kundizzjonata.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodici Kriminali, sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Melanie Jane Clifton Hughes, tqiegħed lill-hati taht obbligazzjoni tieghu personali ghall-perjodu ta' sena taht penali ta' elfejn ewro (€2,000).**

**Inoltre, filwaqt li fic-cirkostanzi ma hemmx lok illi l-hati jitpogga taht ordni ta trattament madankollu wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u wara li qieset li hemm lok li din il-Qorti timponi l-miżura hemm kontemplata, tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Melanie Jane Clifton Hughes u ghalhekk tipprojbixxi lill-hati milli:**

a) **javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna offiza;**
b) **tipprojbixxi lill-hati kull access lejn jew gewwa l-fond fejn il-persuna offiza tkun qeghda tghix, tahdem jew tiffrekwenta; u**

c) **tipprojbixxi lill-hati milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuna offiza.**

**(ft.) Dr. Brigitte Sultana**
**Magistrat**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**D/Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**